MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 804/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRO CAMILLERI**

**VS**

**IVAN VELLA**
**JOSEPH RUGGIER**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ivan Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 439664 (M) u l-imsemmi Joseph Ruggier, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 369667 (M).

**Akkuzati talli:**

Lil Ivan Vella wahdu:

F’xi gurnata fix-xahar ta` April jew Mejju tal-2010 ghal habta ta` filghaxija bi kliem jew imgieba ta` theddid, abbuzivi jew insolent, jew xort’ohra gab ruhu b’dak il-mod, bil-hsieb li b’hekk iqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew b’hekk holoq il-probabilita` li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali;

Lil Joseph Ruggier wahdu:

Fix-xahar ta` Mejju tal-2010 ghen, assista li jsir xi reat cioe` ir-reat li bil-kliem jew imgieba ta` theddid, abbuziv jew insolent, jew xort’ohra persuna li ggib ruhha b’dak il-mod, bil-hsieb li b’hekk tqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew b’hekk tohloq il-probabbilta` li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali. Kif ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi bil-mezz ta` xandir espona ghal mibgheda, persekuzzjoni jew disprezz, lil xi persuna jew grupp ta` persuni minhabba fir-razza, twemmin, kulur, nazzjonalita` jew origini nazzjonali jew etnika.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikolu 82A (1) (2) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz is-CCTV esebit;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza tikkoncerna incident li gara f'April jew Mejju 2010, waqt serata socjali organizzata privatament, l-imputat Ivan Vella gie iffilmjat jaghti diskors li seta` jigi interpretat bhala wiehed b'konnotazzjonijiet razzjali. Dan huwa ghamlu f'atmosfera ta` briju tant illi dawk li kienu prezenti kienu qedghin ihegguh u jinkoragguh b'hafna ghajjat u dahk. L-imputat l-iehor Joseph Ruggier kien prezenti ghal din is-serata, iffilmja s-serata u ppostja dan il-filmat fuq il-YOU TUBE.

Illi, milli jidher, dan il-filmat fuq il-YOU TUBE gie a konjuzzjoni tal-Pulizija li ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom illi rrizultaw f'dawn il-proceduri odjerni fejn l-imputat Ivan Vella huwa akkuzat taht l-Artikolu 82A waqt illi l-iehor, Joseph Ruggier, b'komplicita` u li espona l-filmat *de quo* f'ghajnejn il-pubbliku generali, jew, kif jghidu bl-ingliz *in the public eye*.

Illi wiehed ma jistghax ifeqqel wisq f'kawzi ta` din in-natura meta l-Qorti qiedgha tigi pprovduta bil-filmat intier ta` dan l-incident u, kwindi, qiedgha f'posizzjoni sabiex tara hi stess dak illi fil-fatt gara.

Illi, wara li rat dan il-filmat u semghet dak illi ntqal matul din is-seduta, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-imputat Ivan Vella gab ruhu b'mod mhux sew f'dik is-serata. Mhux biss ma llimitax ruhu ghall-kummenti li jistghu ikunu accettabli fis-sens illi l-immigranti irregolari hi, bhalissa, qedghin jghixu fostna, per ezempju, jikrejaw kompetizzjoni ghax-xoghol skarz bhalissa f'pajjizna izda mar ferm oltre.

Illi l-imputat Vella "stylya" ruhu fuq figura prominenti tan-Nazzismu u d-diskors tieghu kien inflammatorju, popolist u, sahansitra, razzjali b'deskrizzjonijiet dispreggattivi u

twaqqieh ghar-redikolu ta` sezzjoni ta` nies li, bhal issa, qiedghin jghixu u jahdmu fostna. B'riferenzi cari ghall-kulur tal-gilda u religjon taghhom. Huwa dilettant tal-istorja u wiehed ghandu jiehu dak li qal bhala l-hsibijiet vera tieghu li jista` jkun illi l-imputat Vella kien qieghed jghid dan kollu bic-cajt izda dan din il-Qorti tiddubitah u dan tghidu konvinta li min kien prezenti ghal dik is-serata u nkoraggieh jghati u jkompli b'dan id-diskors ma kienx qieghed jiehdu bis-serjeta`. Dan huwa car meta wiehed jara d-dahk u l-ghajjat tal-ispettaturi matul id-diskors tal-imputat.

Illi jirrizulta sodisfacentement illi kien l-imputat l-iehor Joseph Ruggier illi kien prezenti f'dik is-serata li ffilmja d-diskors kollu ta` Ivan Vella u ppostjah fuq il-YOU TUBE. Dan huwa ppostjah fuq il-YOU TUBE sabiex mhux jaghmel xi *statement* politiku jew razzjali imma ghax huwa hass illi dan id-diskors idahhaq u xtaq illi jaqsam dina l-esperjenza divertenti mall-pubbliku kbir in generali.

Illi l-ligi hija specifika. Dak illi jista` jigi interpretat bhala mgieba ta` theddid, abbuziv jew insolenti jew fil-fatt hu u li jista` jqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali jew, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, tohloq il-probabilita` ta` dan huwa kontra l-ligi. Id-difiza tohloq it-tezi li dan id-diskors sar f'serata socjali maghluqa u li kien intiz bhala *entertainment* ghal dawk prezenti. Illi, ghalhekk, minhabba dawn ir-ragunijiet, dan id-diskors ma jistghax jaqa` taht id-definizzjoni tal-Artikolu 82A ghaliex nieqes l-element essenzjali minhabba n-nuqqas tal-element internazzjonali. Dan l-argument jista` jreggi jekk l-agir tal-imputat Vella inzamm limitat ghal dik is-serata privata qalb numru limitat ta` nies migbura flimkien ghall-skopijiet ta` divertiment.

Illi, pero, dan ma kienx minnu stante li l-filmat ta` dan id-diskors gie ppostjat fuq il-YOU TUBE mill-imputat Ruggier illi, din il-Qorti tinsab konvinta, ma kellu ebda ghan iehor hlief illi huwa kien ha pjacir f'dik is-serata u ddecieda li jippromwovi dan il-filmat ghall-pubbliku hafna iktar vast,

mhux biex jaghmel xi *statement* politiku jew razzjali izda, sempliciment, sabiex iferrah iktar nies, dawk li ma kienux prezenti ghas-serata.

Illi hawn huwa l-izball tal-imputati ghaliex, kif ghamlu hekk, gabu, *in the public domain*, sitwazzjoni li holqot probabilita` ta` vjolenza jew mibgheda razzjali precizament ghaliex dawk li setghu jarawh fuq l-internet ma setghux ikunu konxji li dan id-diskors kien gie maghmul waqt serata socjali u mehud, minn dawk prezenti, bhala cajta.

Illi ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti qiedgha ssib lill-imputat Ivan Vella bhala hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu. Qieghda tillibera lill-imputat Joseph Ruggier stante li dina l-Qorti hija konvinta li dan l-imputat ma jikkondividiex it-twemmin politiku tal-imputat Vella izda ssibu hati talli ppostja dan il-filmat fuq l-internet.

Il-Qorti rat il-Fedina Penali tal-imputati, Ivan Vella u Joseph Ruggier, ikkunsidrat l-eta` tenera taghhom u ikkunsidrat il-ko-operazzjoni li huma kkoncedew lill-Ufficjali Prosekuturi

Rigward il-piena din il-Qorti qed issib lill-imputat Ivan Vella hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigward il-piena fil-konfront ta` Joseph Ruggier dina l-Qorti qed issibu hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------